MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 881/2003

Mobisle Communications Limited

VS

Ronnie McKay

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u tmienja u sittin lira Maltija u tmien centezmi (Lm168.08) liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta attrici skond Client Contract Number 28735 rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta attrici u dan bejn ix-xhur Jannar 2002 u Lulju 2002.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz, ma kkontestax il-kawza

fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta li nzammet quddiem it-Tribunal.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondihom, u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u tmienja u sittiin lira Maltija u tmien centezmi (Lm168.08), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------